MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 772/2003

***Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta Antoine Auto Dealer***

***vs***

***Samuel Veneziani***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf mitejn u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1201.20) rappresentanti in kwantu ghal Lm924.20, rapprezentanti l-import ta' ghaxar kambjali ta' Lm92.42 kull kambjala dovuti u skaduti rigwardanti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBC 492, mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mill-attur, flimkien mas-somma ta' Lm227, rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsistenti f'imghax minnu ezatt mill-Bank of Valletta plc rigwardanti l-hlas tal-kambjali "de quo agitur".

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Chris Cilia ghan-nom ta’ l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ elf mitejn u lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1201.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------